Mag. N. Galea Sciberras

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Rikors ta' **Zeeshan Saleem**, ta' nazzjonalitá **Pakistani**, bin-numru tal-Immigrazzjoni **19N - 24**

Reġistru Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali
No: 663
09 OCT 2019
Ħallas
Malta

Ir-rikorrent jesponi bir-rispett,

**Il-Fatti**

1. Wara li ġie salvat mil-baħar, ir-rikorrent wasal Malta fit-**tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, 2019**. Ftit wara l-wasla tiegħu, ġie intervistat minn uffiċjali tal-Pulizija ta' Malta u itteħdulu d-dettalji personali.

2. Fl-istess ħin, ġie ppreżentat dokument bl-Ingliż, 'Restrizzjoni tal-Moviment għal raġunijiet ta' Sigurtá Pubblika' (**DOK. A**), fejn ġie infurmat illi kien hemm bażi raġjonevli sabiex is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika tissusspetta li jista' jxerred mard u li, għalhekk, jeħtieġ li jagħmel eżamijiet mediċi. Id-dokument infurmah ukoll illi, minħabba dawn ir-raġunijiet imsemmija, jeħtieġ ukoll li l-moviment tiegħu jiġi ristrett skond l-Artikolu 13 tal-**Ordinanza dwar it-Tħaris mil-Mard (KAP 36)**.

3. Id-dokument 'Restrizzjoni tal-Moviment għal raġunijiet ta' Sigurtá Pubblika' huwa ffirmat minn Dr. Charmaine Gauci, Superintendent tas-Saħħa Pubblika. Il-persuna indikat fih, jiġifieri r-rikorrent, mhux identifikat b'ismu imma biss bin-Numru tal-Immigrazzjoni li ngħatalu. Ma kien hemm l-ebda interpretu preżenti waqt l-intervista mal-uffiċjali tal-Pulizija u li seta' jispjegalu x'kien hemm miktub fid-dokument DOK A. Ir-rikkorent ma jitkellimx u ma jifhimx il-lingwa Maltija u l-anqas il-lingwa Ingliża.

4. Ir-rikorrent fl-edba stadju ma ġie nfurmat dwar x'kienu dawk l-elementi individwali u speċifiċi għas-sitwazzjoni tiegħu li wasslu għal-konklużjoni tas-Superintendent illi jista' jxerred mard, *ai terimini* tal-Artikolu 13, KAP 36.

5. Sa' fejn jaf ir-rikorrent, kull persuna li waslet Malta fil-kuntest tal-istess operazzjoni ta' salvataġġ li wasslitu Malta ingħatat l-isess dokument u kelha l-moviment tagħha ristretta skond l-istess Artikolu 13.

6. Wara li ngħata d-dokument imsemmi, l-uffiċjali tal-Pulizija ta' Malta kkonfiskwalu l-affarjiet li kellu fuqu u eskortawh lejn iċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, fejn għadu sal-ġurnata ta' llum.

7. Xi ftit jiem wara l-wasla tiegħu f'Malta, ir-rikorrent ittieħed f'dak li jaħseb hu ċentru tas-saħħa fejn għamel test mediku fuq sidru. Sal-ġurnata tal-lum, ir-rikorrent ma ngħata l-ebda informazzjoni dwar ir-riżultat ta' dak it-test li għamel bosta xhur ilu.

8. Fit-Tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru ir-rikorrent irreġistra l-applikazzoni għal-ażil tiegħu mal-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati, u bis-saħħa ta' dik l-applikazzjoni l-preżenza tiegħu f'Malta saret waħda regolari u legali. Skond ir-Regolament 16(1) tar-**Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għal-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali (L.S. 420.07)**, *"l-applikanti għandhom jitħallew fuq it-territorju Malti, għall-iskop uniku tal-proċedura, sakemm il-Kummissarji jieħu*

*deċiżjoni."* Iċ-ċertifikat li jikkonferma l-*istatus* tal-applikant bħala persuna li qed tfittex il-kenn f'Malta qed jiġi anness bħala **DOK. B**.

9. Ir-rikorrent jinnota illi, abbażi ta' analiżi taċ-ċirkostanzi fattwali fejn qed jiġi totalment prevenut minn kull forma ta' moviment ħieles, ma jistax jingħad illi l-moviment tiegħu qed jiġi sempliċement ristrett. Anzi, ir-rikorrent jinnota illi hu qed jiġi interament ipprivat mil-libertá tiegħu.

10. Ir-rikorrent ilu detenut għal-mija u sitt (106) ijiem.

**<u>Is-Sottomissjonijiet</u>**

11. Ir-rikorrent umilment jissottometti li qed jiġi detenut b'mod illegali taħt l-awtoritá tas-Superintendent tas-Saħħa Publlika.

12. Fin-nuqqas ta' ordni uffiċjali oħra dwar id-deprivazzjoni tal-libertá tar-rikorrent, huwa jifhem illi qed jiġi pprivat mill-libertá tiegħu skond l-Artikolu 13, KAP. 36, li jistipula:

*"Meta s-Suprintendent ikollu **raġuni jissuspetta** li persuna tista' xxerred mard huwa jista', b'ordni, **jirrestrinġi l-moviment** ta' dik il-persuna jew jissospendiha milli tattendi għax-xogħol tagħha għal perijodu ta' **mhux iżjed minn erba' ġimgħat**, liema perijodu jista' jiġi mtawwal sa **għaxar ġimgħat sabiex jiġu finalizzati dawk l-eżamijiet mikrobijoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa.**"*

**Restrizzjoni tal-moviment jew privazzjoni tal-libertá?**

13. Ir-rikorrent umilment jissottometti illi r-riżultat tal-miżuri addottati mis-Superintendent m'huwiex sempliċement restrizzjoni tal-moviment tiegħu iżda privazzjoni assoluta tal-libertá personali tiegħu, riżultat li mhux previst jew awtorizzat fl-Artikolu 13.

14. Ir-rikorrent jinnota illi l-Artikolu 13 jagħti lis-Superintendent l-awtoritá eċċezzjonali li tirrestrinġilu l-moviment fejn is-Superintendent ikollha raġuni tissuspetta li jista' jxerred mard. L-Artikolu ma jawtorizzax lis-Superintendent li tippriva persuna mil-libertá tagħha, ikun x'ikun il-livell jew l-intensitá ta' suspett li tali persuna tista' xxerred il-mard. F'dan ir-rigward, huwa pertinent illi r-rikorrent jissottolinea d-distinzjoni importanti bejn *restrizzjoni tal-moviment* u *ipprivar tal-libertá*.

15. Din id-distinzjoni ġiet ampjament esplorata mil-eminenti Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kuntest ta' analiżi li għamlet bosta drabi sabiex tara jekk miżuri addottati minn Stat kienu jaqgħu fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali**[1].

16. L-Onorabbli Qorti Ewropea b'mod konsistenti qalet illi, *"in order to determine whether someone has been deprived of his liberty, the starting-point must be his or her specific situation and account must be taken of a whole range of factors such as the type, duration, effects and manner of implementation of the measure in question. The*

[1] L-Artikolu 5(1): "Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi **ipprivat** mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi…".

*difference...is one of degree or intensity, and not of nature or substance...*" (Tommaso v. Italy, 43395/09, para. 80; Guzzardi v. Italy, 7367/76, para. 92; Medvedyev and Others v. France, 3394/03, para. 73; Creanga v. Romania, 29226/03, para. 91).

17. Eżempji tal-fatturi inklużi mil-Onorabbli Qorti fl-analiżi ta' dawn il-miżuri jinkludu:

    a. Id-daqs relattiv taż-żona fejn l-applikanti jeħtieġ li joqogħdu;
    b. In-natura u l-livell ta' superviżjoni li tiġi imposta fuq l-applikanti;
    c. Il-possibbiltá li l-applikanti jagħmlu kuntatti soċjali u li jżommu kuntatti esterni;
    d. Il-possibbiltá li l-applikanti jżommu l-affarjiet tagħhom; u
    e. Jekk l-applikanti jgawdu minn moviment ħieles bin-nhar u bil-lejl.

18. Ir-rikorrent jinnota b'mod partikolari l-osservazzjoni tal-Onorabbli Qorti Ewropea illi "*the characterisation or lack of characterisation given by a State to a factual situation cannot decisively affect the Court's conclusion as to the existence of a deprivation of liberty.*" (Creanga. Romania, 29226/03, para. 92). L-Onorabbli Qorti stqarriet ukoll illi "*the classification of the applicants' confinement in domestic law cannot alter the nature of the constraining measures imposed on them.*" (Khalifa and Others V. Italy, 16483/12, para. 71.

19. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jixtieq isemmi varji elementi tas-sitwazzjoni speċifika tiegħu li jistgħu jgħinu lil din l-Onorabbli Qorti fl-analiżi tagħha dwar jekk il-movimenti tiegħu qed jiġu ristretti jew jekk, saħansitra, qed jiġi pprivat mil-libertá tiegħu.

20. Ir-rikorrent qed jinżamm f'żona magħrufa bħala il-*Warehouse*, fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, post imniżżel fl-**Ordni dwar Dikjarazzjoni ta' Postijiet ta' Detenzjoni (L.S. 217.03)**. Din hija żona ristretta daqs li kieku hija ħabs, fejn in-nies jorqdu kollha f'kamra waħda u fejn hemm oqsma biex jinħaslu u jużaw *toilets* flimkien. Vireg tal-ħadid jagħlqu t-twieqi u l-kanċell għal din iż-żona jinżam dejjem imsakkar. Il-kanċell jinfetaħ biss meta jkun bżonn ta' xi qadja partikolari, bħal per eżempju l-għoti tal-ikel, żjarat lit-tabib, laqgħat mal-avukat u l-attendenza ta' intervisti fil-kuntest tal-proċedura tal-ażil. Iż-żona hija mgħassa lejl u nhar minn membri tas-Servizzi tad-Detenzjoni, filwaqt li ċ-Ċentru nnifsu hu mdawwar b'xibka tal-metall u l-memberi tal-Forzi Armati ta' Malta huma dejjem għassa mal-post. Ir-rikorrent m'għandux permess jidħol u joħroġ kif jogħġbu miċ-Ċentru ta' Ħal Safi. Fejn meħtieġ jista' joħroġ biex, fost l-oħrajn, imur f'Ċentru tas-Saħħa jew sal-Uffiċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati. F'dawn is-sitwazzjonijiet, jittieħed dejjem immanettjat, magħluq ġo vann tas-Servizzi tad-Detenzjoni u eskortat minn għal-inqas uffiċjal wieħed mis-Servizzi. L-applikant jista' jirċievi żjarat minn persuni fuq barra wara li dawn ikunu kisbu l-permess meħtieġ mid-Direttur tas-Servizzi tad-Detenzjoni, u dawn iż-żjarat jistgħu jsiru biss f'ġranet u f'ħinijiet speċifiċi.

21. Fir-rigward tal-osservazzjoni tal-Onorabbli Qorti Ewropea dwar il-karatterizazzjoni mil-Istat ta' sitazzjoni fattwali (ara fuq, para. 18), ir-rikorrent jenfasizza illi, fil-kuntest odjern, din l-osservazzjoni tistieden lil din l-Onorabbli Qorti ma tillimitax l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni fattwali tiegħu għal-karatterizazzjoni mogħtija lilha mis-Superintendent, iżda illi tistrieħ fuq l-osservazzjonijiet tagħha tal-fatti kif ippreżentati lilha.

22. Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għas-sottomissionijiet ta' qabel, ir-rikorrent jirreferi lil-Onorabbli Qorti għal-Artikoli 25 u 26 tal-KAP. 36, liema artikoli jirregolaw id-detenzjoni ta' persuni li jkollhom marda u li fir-rigward tagħhom ma jistgħux jittieħdu miżuri effettivi għal-prevenzjoni tat-tixrid tal-mard. L-Ordinanza tistipula b'mod ċar illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, maġistrat biss jista' jordna d-detenzjoni tal-persuna. L-Ordinanza ma tagħtix din l-awtoritá lis-Superintendent jew lil xi awtoritá amministrattiva oħra.

23. Ir-rikorrent għalhekk umilment jissottometti illi l-Ordinanza stess tagħmel distinzjoni ċara bejn ir-restrizzjoni tal-moviment – li tista' tiġi ordnata mis-Superintendent – u l-privazzjoni tal-libertá, li tista' tiġi ordnata biss minn maġistrat. Huwa ċar illi l-Ordinanza tagħraf id-differenza fil-livell ta' intrużjoni tal-miżuri li jistgħu jittieħdu fil-konfront ta' persuna li għanda marda.

24. Ir-rikorrent għalhekk itenni illi s-sitwazzjoni fattwali tiegħu hija, mingħajr l-ebda dubbju, waħda fejn qiegħed jiġi totalment ipprivat mil-libertá personali tiegħu, u mhux wadħa fejn il-moviment tiegħu qiegħed jiġi ristrett.

25. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għall-**Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li jfittxu Asil (L.S. 420.06)** fejn hemm provdimenti li jirregolaw id-detenzjoni ta' persuni li jfittxu asil bil-garanziji proċedurali meħtieġa skond disposizzjonijiet tad-**Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 2003/9/KE li tistabbilixxi l-livelli minimi għall-akkoljenza ta' persuni li jfittxuasil fi Stati Membri.**

26. Ir-rikorrent jenfasizza illi il-privazzjoni tal-libertá mhix stipulata jew awtorizzata fl-Artikolu 13, u għalhekk hija mingħajr bażi fil-liġi.

**Suspett raġjonevoli li r-rikorrent jista' jxerred il-mard**

27. Ir-rikorrent qatt ma ġie infurmat dwar x'kienu l-elementi rilevanti għas-sitwazzjoni speċifika u individwali tiegħu li wasslu għal-konklużjoni tas-Superintendent li hemm suspett raġjonevoli li jista' jxerred il-mard *ai termini* tal-Artikolu 13, KAP. 36.

28. Ir-rikorrent josserva illi l-prattika amministrattiva fejn l-awtoritajiet jippreżentaw id-dokument 'Restrizzjoni tal-Moviment għal raġunijiet ta' Sigurtá Pubblika' u fejn immigranti jiġi pprivati mil-libertá tagħhom qed tiġi applikata, dawn l-aħħar xhur, fil-konfront tal-immigranti salvati mil-baħar u miġjuba Malta. Din il-prattika qed tiġi implementata mingħajr distinzjoni abbażi taċ-ċirkostanzi individwali u speċifiċi tal-istess immigranti, ċirkostanzi li jistgħu jkunu rilevanti għal-analiżi dwar jekk jistgħu jew ma jistgħux ixerrdu l-mard. Dawn iċ-ċirkostanzi jinkludu, per eżempju: in-nazzjonalitá tal-persuna, l-etá tagħha, il-pajjiżi li għaddiet minnhom qabel il-wasla f'Malta, ix-xuxxettibbiltá għal-mard, il-kuntatti soċjali u interpersonali, u bosta oħrajn.

29. Ir-rikorrent josserva wkoll illi din il-prattikka amministrattiva qed tiġi applikata biss fil-konfront tal-immigranti li jaslu Malta wara s-salvataġġ tagħhom mil-baħar. Mhix qed tiġi applikata, jew għal-inqas mhix qed tiġi applikata bl-istess mod sistematiku, fil-konfront tal-immigranti li jaslu Malta b'xi mod ieħor, bħal per eżempju mil-Ajruport

Internazzjonali ta' Malta jew bil-katamaran mil-Italja. Mhix qed tiġi applikata lit-turisti, lis-studenti, lil-ħaddiema tal-istess nazzjonalitá tal-immigranti salvati mil-baħar, jew lil-immigranti li setgħu għaddew minn dawn l-istess il-pajjiżi. Mhix qed tiġi applikata lil-Maltin li setgħu marru jew għaddew minn dawn il-pajjiżi għal kwalunkwe skop.

30. Ir-rikorrent għalhekk umilment jissuġġerixxi illi din il-prattika amministrattiva mhix fil-fatt ibbażata fuq is-suspett raġjonevoli tas-Superintendent li ir-rikorrent jista' jxerred il-mard, iżda fuq politika tal-immanniġjar tal-immigrazzjoni li tħares lejn kunsiderazzjonijiet oħra – kunsiderazzjonijiet illi ma joffrux bażi legali għal miżuri li jwasslu għar-restrizzjoni tal-moviment (jew il-privazzjoni tal-libertá personali) *ai termini* tal-Artikolu 13, KAP. 36.

31. Mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet ta' qabel, ir-rikorrent umilment jissottometti illi hu infatti għamel test mediku ftit jiem wara l-wasla tiegħu f'Malta. Ir-rikorrent ma ngħatax informazzjoni dwar in-natura ta' dan it-test jew dwar l-iskop tiegħu, iżda jassumi illi jista' jkun rilevanti għas-suspett raġjonevoli tas-Superintendent li jista' jxerred il-mard. Madankollu, iktar minn tlett (3) xhur wara dan it-test mediku, għadu ma jaf xejn dwar l-eżitu tiegħu.

32. Ir-rikorrent isaqsi jekk il-privazzjoni tal-libertá tiegħu hija minħabba l-fatt illi t-test li għamel ħareġ b'riżultat pożittiv. Jekk hu għalhekk, ir-rikorrent isaqsi wkoll għalfejn ma ġiex infurmat u – iktar serjament – għalfejn mhux qed jingħata xi forma ta' trattament jew medikazzjoni.

33. Finalment, ir-rikorrent isaqsi għaliex ħadd ma nfurmah dwar ir-riżultat tat-test mediku, kwalunkwe eżitu dan seta' kellu.

**L-Esetensjoni taż-żmien ta' restrizzjoni tal-moviment fejn eżamijiet mikrobijoliġiċi qed jiġi finalizzati**

34. Il-mistoqsijiet li qed jagħmel ir-rikorrent fil-paragrafi ta' qabel huma wkoll rilevanti għal-awtoritá mogħtija lis-Superintendent fl-Artikolu 13 illi testendi ż-żmien ta' restrizzjoni tal-moviment minn minn erba' ġimgħat *"sa' għaxar ġimgħat sabiex jiġu finalizzati dawk l-eżamiijiet mikrobijoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa."*

35. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jinnota illi d-detenzjoni tiegħu fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi għal mija u sitt (106) ijiem twassal biex isaqsi liema kienu dawn l-eżamiijiet mikrobijoliġiċi li kienu meħtieġa sabiex is-Superintendent ordnat l-estensjoni prevista fl-Artikolu 13. Ir-rikorrent qatt ma' ġie ppreżentat dokument uffiċjali dwar din id-deċiżjoni ta' estensjoni u qiegħed jassumi li ttieħdet fil-konfront tiegħu għaliex ilu pprivat mil-libertá tiegħu għal ferm iktar minn erba' ġimgħat.

36. Ir-rikorrent itenni illi ħadd ma talbu jagħmel test mediku ieħor wara l-ewwel wieħed li għamel iktar minn tlett 3 xhur ilu. Itenni ukoll illi mhux qed jingħata xi forma ta' trattament jew mediċini, iżda għadu fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi sal-ġurnata tal-lum mingħajr informazzjoni u mingħajr ma jaf meta ha jinħeles.

37. Ir-rikorrent għalhekk jixtieq jifhem liema analiżi jew proċess sar fit-tmiem tal-ewwel perjodu ta' erba' ġimgħat sabiex is-Superintendent baqgħet bis-suspett raġjonevoli illi

jista' jxerred il-mard u għaliex anke wara it-terminu tat-tieni perijodu ta' l- estensjoni għadu detenut fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi .

**It-talbiet**

38. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet magħmula, ir-rikorrent qiegħed jumilment jippreżenta dan r-rikors *ai termini* tal-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali (KAP. 9), u qiegħed jumilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

   a. Tiddetermina illi l-privazzjoni tal-libertá personali tiegħu mhiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 13, KAP. 36;

   b. Konsegwentement tiddikjara illi din il-privazzjoni tal-libertá personali mhiex waħda imsejsa fuq bażi legali u għalhekk hija kontra l-liġi; u

   c. Għalhekk, tordna r-rilaxx immedjat tar-rikorrent u tagħti kwalunkwe provvediment ieħor li jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Avv. Carla Camilleri

aditus foundation,
1A, Rhea Buildings,
Triq is-Santissima Trinitá,
Ħamrun MRS2280
79497947 / 20106295 / carlacamilleri@aditus.org.mt

Ippreżentat ...
Dr Carla Camilleri
Illum 09 OCT 2019
Bla / b' diversi dokumenti.
Deputat Reġistratur
Marisa Borg
Deputat Reġistratur
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

DOKA

Date: 23/6/19

To: 19N 02F

## RESTRICTION OF MOVEMENT ON PUBLIC HEALTH REASONS

This Restriction of Movement is being issued in terms of Article 13 of the Prevention of Disease Ordinance (Cap 36) on the following ground:

There are reasonable grounds to believe that you may be at risk of infectious diseases and hence require to be screened.

Gauci

Dr Charmaine Gauci
*Superintendent of Public Health*

Today ____________________

Ref ____________________

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS LL. D.**

Illum 9 ta' Ottubru 2019

**Fl-atti tar-rikors ta' Zeeshan Saleem, ta' nazzjonalita' Pakistani, bin-numru tal-Immigrazzjoni 19N-24, datat 9 ta' Ottubru 2019**

**NOTIFIKA :**

**ZEESHAN SALEEM (19N-24)**
**CENTRU TA' DETENZJONI, HAL SAFI**

**DIRETTUR TAS-SERVIZZI TA' DETENZJONI,**
**CENTRU TA' DETENZJONI, HAL SAFI**

**DR CARLA CAMILLERI**
**1A, RHEA BUILDINGS, TRIQ IS-SANTISSIMA TRINITA'**
**HAMRUN**

**SUPRETENDENT TAS-SAHHA PUBBLIKA**
**SPTAR SAN LUQA, PIETA**

**UFFICJAL PRINCIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI**
**KWARTIERI GENERALI TAL-PULIZIJA, FLORIANA**

**AGENZIJA AWAS**
**BLOCK C, BELT IS-SEBH, FLORIANA**

**AVUKAT GENERALI**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Zeeshan Saleem tal-lum stess;

Wara li rat l-Artikolu 409A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tappunta l-istess rikors ghas-smiegh **ghal-lum stess fil-5.30pm** u tordna notifika tal-istess rikors u ta' dan id-digriet lill-persuni/Agenzija fuq indikati, bil-fakulta' tar-risposta seduta stante, anke bil-miktub.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS

9 ta' Ottubru 2019

**Fl-atti tar-rikors ta' Zeeshan Saleem, ta' nazzjonalita' Pakistani, bin-numru tal-Immigrazzjoni 19N-24, datat 9 ta' Ottubru 2019**

Meta ssejjah ir-rikors fil-5.50hrs deher ir-rikorrenti assistit minn Dr Carla Camilleri u Dr Neil Flazon.

Stante illi r-rikorrenti ma jifhimx la bil-lingwa Maltija u lanqas dik Ingliza, il-Qorti qed tahtar lil Bader Zina bhala interpretu mil-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa sabiex jassisti lill-interpretu Khudija Amnah Qadir Khan. Huwa nghata l-gurament tal-hatra u lil Khudija Amnah Qadir Khan bhala interpretu mil-lingwa Ingliza ghal dik Urda u vice versa. Hija nghatat il-gurament tal-hatra.

Deher ukoll Dr Kevin Valletta ghall-Avukat Generali.

Deher Mauro Farrugia ghall-Agenzija AWAS.

Dehret Dr Charmaine Gauci, Supretendent tas-Sahha Pubblika.

Deher Joseph Muscat in rapprezentanza tad-Direttur tas-Servizzi tad-Detenzjoni

L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni minkejja li debitament notifikat, baqa ma deherx.

Dr Kevin Valletta ghall-Avukat Generali jwiegeb ghar-rikors tar-rikorrenti billi jiddikjara illi wara li ghamel il-verifiki opportuni, kemm mas-Supretendent tas-Sahha Pubblika prezenti u kif ukoll mas-Servizzi tad-Detenzjoni, f'dan l-istadju m'ghadx hemm il-htiega li Zeeshan Saleem jinzamm taht kustodja.

Dr Charmaine Gauci u Joseph Muscat, prezenti fl-awla, jiddikjaraw li qed jaqblu ma' din il-posizzjoni tal-Avukat Generali, filwaqt illi Mauro Farrugia jiddikjara li m'ghandux xi jzid.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali, tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika, tad-Direttur tas-Servizzi tad-Detenzjoni u tal-Agenzija AWAS, Dr Carla Camilleri

ghar-rikorrenti tiddikjara li qed tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti. L-istess jiddikjaraw dawk kollha prezenti.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li regghet rat ir-rikors tar-rikorrenti, ir-risposti fuq indikati, wara li rat l-Artikolu 409A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kapitolu 36 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Legislazzjoni Sussidjarja 217.03, kif ukoll il-Legislazzjoni Sussidjarja 420.06, tqis li d-detenzjoni tar-rikorrenti Zeeshan Saleem ma hija msejsa fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi, u tordna r-rilaxx immedjat tieghu.

Tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni. Qed tinghata kopja tal-istess seduta stante lill-partijiet prezenti.

**Oriana Deguara**
**Deputat Registratur**